

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Marzu 2023 – Fun Factory vs EUIPO – I Love You  
(love you so much)**

(Kawża T-306/22) <sup>(1)</sup>

**(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea love you so much – Trade mark figurattiva preċedenti tal-Unjoni Ewropea I LOVE YOU SINCE FOREVER – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) ta’ Regolament (UE) 2017/1001”)**

(2023/C 179/59)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Fun Factory GmbH (Brême, il-Ġermanja) (rappreżentant: K.-D. Franzen, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Klee u T. Frydendahl, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: I Love You, Inc. (Lewes, Delaware, l-Istati Uniti)

**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-22 ta’ Marzu 2022 (Każ R 1464/2021-4).

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 284, 25.7.2022.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta’ Marzu 2023 – celotec vs EUIPO – Decotec Printing  
(DECOTEC)**

(Kawża T-308/22) <sup>(1)</sup>

**(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea DECOTEC – Raġunijiet assoluti ta’ invalidità – Nuqqas ta’ karattru deskrittiv – Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001]”)**

(2023/C 179/60)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: celotec GmbH & Co. KG (Sendenhorst, il-Ġermanja) (rappreżentanti: E. Warnke u J. Römelt, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: R. Raponi, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Decotec Printing, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: K. Guridi Sedlak, avukata)

**Suġġett**

Bir-rikors tagħha abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-21 ta’ Marzu 2022 (Każ R 1025/2021-5).

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.